MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2013

Numru. 1363/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR GODWIN SCERRI**
**VS**
**NIKO ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Niko Zammit ta’ 19- il sena, bin missier mhux maghruf u Ruth nee’ Zammit, mwieled Pieta’ nhar id- 9 ta’ April 1993, residenti 31, Flat 18, Triq l- Iljun, Furjana u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 170193M ;

Talli nhar is- 27 ta’ Dicembru 2012, fil- hinijiet bejn l- 10.30pm u l- 11.30pm, fil- gnien tal- Mall fil- Furjana;

1) Ikkaguna hsara volontarja, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehorm mobbli jew immobbli u cioe diversi

oggetti u hwejjeg, liema sara tiskorri l- valur ta’ €1,164.69 ghad- dannu tal- Gvern ta’ Malta;

2) Ukoll talli fl- istess data, hin, u lok kiser volontarjament il- bon ordni u l- kwiet pubbliku;

3) Talli fl- istess data, hin u lok kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu wara li kien instab hati ta’ reat mill- Qorti Kriminali pereseduta mill- Magistrat Edwina Grima LL.D nhar l- 14 ta’ Dicembru 2012;

4) Aktar talli fit- 28 ta’ Dicembru 2012 ghall- habta tal- 11.00am minn gewwa l- ghassa tal- Belt waqt li kien arrestat skont il- ligi, harab minn lok mahtur ghall- kustodja tieghu;

5) Aktar talli fl- istess lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l- ordnijiet legittimi tal- awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, wara li l-Qorti tatu zmien skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni tieghu, li giet hekk ikkonfermata minnu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 325(1)(a), 42, 338(dd), 151, 160, 338(ee), 49 u 50 tal-Kap 9 u artikolu 7 tal- Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant testendi l-Ordni tal- Probation moghtija fl- 14 ta' Dicebru 2012 ghal tlett (3) snin millum.
Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' elf, erbgha u hamsin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€1,054.21) lill-gvern ta' Malta fi zmien tlett (3) xhur ai terminu tal-Artikolu 24 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------